MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 226/2012

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**N B G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-11 ta' Settembru, 2002.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga,

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kondizzj oni li tirreferi ghall- futur.

Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b'mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u/jew 19 (1 ) (d) u/jew 19 (1 )(f) u/jew 19 (1 )(g) u/jew 19 (1 )(h).

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimata huwa null u bla effett.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-attur.

Rat illi l-konvenuta ghalkemm notifikata ma pprezentatx risposta guramentata.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-attur huwa ta’ nazzjonalita’ Maltija filwaqt li l-konvenuta hija ta’ nazzjonalita’ Bulgara.

Fl-affidavit tieghu (fol.16) l-attur spjega li huwa iltaqa’ mal-konvenuta f’Marzu tas-sena 2001. Il-konvenuta kienet giet Malta fuq xoghol professjonali ghal hmistax-il gurnata matul liema il-partijiet iltaqghu ghall-ewwel darba. Meta l-konvenuta irritornat lura f’pajjizha l-partijiet komplew jikkomunikaw ma’ xulxin. F’Mejju tal-istess sena l-konvenuta regghat irritornat f’Malta ghal btala u minn hemm bdiet relazzjoni aktar stabbli bejn il-partijiet tant li l-attur kien introduca lill-konvenuta mal-familja tieghu.

F’Awissu tal-2002 regghat giet lura Malta din id-darba mat-tifla taghha ta’ madwar tnax-il sena li kellha minn zwieg precedenti. Xahar wara l-partijiet izzewgu fir-Registru taz-Zwigijiet.

L-attur jispjega illi huma resqu ghal dan iz-zwieg minghajr preparazzjoni ta’ xejn u l-kuntatt li kellhom precedenti kien maghmul bl-uzu tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni bhal internet u telephone. L-attur jistqarr illi l-konversazzjonijiet taghhom kienu aktar jikkonsistu f’diskussjoni dwar jekk il-karriera tal-konvenuta kelliex tama ta’ success hawn Malta milli fuq il-hajja mizzewga futura taghhom.

L-attur ihaddan ir-religjon kattolika u xtaq illi jizzewgu bil-knisja izda peress li l-konvenuta kellha hafna ghagla biex tigi Malta sabiex bintha tkun tista’ tibda is-sena skolastika f’Settembru hawn Malta, iddecidew illi jiccelebraw iz-zwieg civili biss sabiex il-konvenuta tkun tista’ tottjeni l-visa u dan peress li dak iz-zmien il-Bulgaria kienet ghadha ma saritx membru tal-Unjoni Ewropea.

Huma ghalhekk izzewgu fir-Registru taz-Zwigijiet fil-11 ta’ Settembru 2002.

Il-hsieb kien illi ma jmorrux jghixu flimkien sakemm ma jizzewgux bir-rit Kattoliku u hekk ghamlu. L-konvenuta u bintha marru jabitaw fil-fond proprjeta’ tal-attur filwaqt li l-attur baqa’ jabita mal-genituri tieghu. Wara erba’ xhur il-

konvenuta bdiet tinsisti li l-attur kellu jmur jabita maghha fl-istess dar u hekk gara.

Il-konvenuta kienet mitlufa fuq il-karriera professjonali taghha li xtaqet tizviluppa hawn Malta. Kien hemm zmien fejn kellha tlett tipi ta' xogholijiet f'gurnata wahda u kienet saret *workaholic*. L-attur spicca fis-sitwazzjoni fejn il-konvenuta kienet issiefer fuq xoghol u thallih mat-tifla taghha. Jispjega hekk dan il-perijodu:-

"Iktar ma beda jghaddi zmien, iktar bdejt inhoss li ma kienx hemm ir-rabta ta' mizzewwgin bejnietna, u li N kien mohhha biss fix-xoghol. Kienet tehodni for granted hafna. Meta kont nipprova nitkellem maghha biex forsi naslu ghall-kornpromess, kienet taqbad tghajjat u tghajjarni. Bdejt nintebah li N kienet persuna dramattika u estroverta hafna - li bl-Ingliz insejhulha drama queen. Kienet ta' sikwit tiksirni quddiem in-nies jew taqla' xi glieda meta nkunu barra u timbarazzani. Wara l-ewwel sentejn taz-zwieg, ir-relazzjonijiet intirni ta' bejnietna kwazi spiccaw fix-xejn u kien hemm nuqqas ta' intimita' emozzjonali bejnietna wkoll."

Ghalkemm qabel izzewgu bir-rit civili l-partijiet kienu ftehmu illi sussegwentement kienu ser jizzewgu bir-rit Kattoliku, il-konvenuta wara uriet illi ma riditx tizzewweg bil-knisja.

"Bdejt inhoss li N giet Malta biex takkwista biss. Kienet ta' sikwit tghidli li minkejja li ilha s-snin f'Malta, kienet ghada ma kellha xejn li huwa taghha. Ma kienitx tifhem il-kuncett li fiz-zwieg jinqasam kollox. Ma setghatx taccetta li jien kelli dar tieghi [li hdimt ghaliha qabel iz-zwieg] u li hi ma kellhiex. Xi hames snin ilu, N ipperswaditni biex nixtru appartament il-Bulgarija ghax deherilha li jkun investiment tajjeb. Ghamilna d-dar matrimonjali (proprjeta parafemali tieghi) bhala collateral biex naghmlu tajjeb ghal-loan. Wara sirt naf li l-appartament inxtara fuq isem N biss. Ghadna sal-lum qed inhallsu dan il-loan flimkien."

"Illum cert li N riedet tizzewwigni biex tkun tista' tigi Malta u tibni hajja ahjar ghaliha u ghat-tifla taghha. Jiena u N

kellna ideja kompletament differenti ta x'ifisser zwieg. Ma nhossx li N kienet lesta li tghix hajja ta' mizzewwga peress li kienet drat tiddependi fuq ommha u fuq nannietha ghal kollox u hi tikkoncentra fuq il-karriera, Meta zzewwigna, N ppretendiet li kollox jibqa l-istess u l-bzonnijiet tieghi bdiet tarahom zejda. N ma rieditx ragel u partner, izda riedet lil xi hadd biex ikompli jiehu hsieb lilha u lit-tifla sakemm hi tkompli tavvanza l-karriera taghha. Inhoss li meta zzewwigna konna ghadna lanqas bdejna niskopru lil xulxin. Qabel ma zzewwigna, N kienet tittrattani bil-hlewwa u kienet turini hafna attenzjoni, izda wara li zzewwigna nbiddlet kompletament u kienet tghajjarni, tmaqdarni u twaqqghani ghac-cajt quddiem in-nies kontinwament. Ma kienitx iggibli rispett bhala zewgha. Ghaggilna wisq biex nizzewwgu, u dan primarjament minhabba l-genn li kellha N biex tigi tghix u tahdem f'Malta. Id-diffetti fil-karattru ta' N bdew johorgu wara z-zwieg biss, u cert illi li kieku sirna nafu lil xulxin ahjar qabel ma zzewwigna u sirt naf x'tip ta' karattru ghandha N fil-verita', u kemm ghandna valuri differenti, zgur li ma nizzewwigha.”.

Il-konvenuta xhedet b’affidavit maghmul fl-4 ta’ Dicembru 2012.

Hija spjegat illi kienet ghamlitha cara mill-ewwel lill-attur illi ma riditx gherusija fit-tul ghaliex ma xtaqitx li toqghod gejja u sejra Malta u riedet taghti lit-tifla taghha li diga kellha tnax-il sena sew familja kif ukoll il-familja ta’ missier. Tikkonferma illi zzewgu malajr f’Settembru 2002 peress li xtaqet li bintha tibda is-sena skolastika f’Malta.

Peress li l-konvenuta kienet divorzjata u l-attur u l-familja tieghu xtaqu li jkollhom zwieg religjuz il-familja tal-attur ma accettawx li jmorru jghixu flimkien wara li zzewgu bic-civil. Izda wara erba’ xhur miz-zwieg civili hija insistiet mal-attur li kellu jmur jghix maghha u mat-tifla taghha peress li kienu koppja mizzewga.

Ghalkemm bdew jattendu laqghat ma’ sacerdot bl-iskop li jizzewgu bil-knisja, wara sitt xhur tilfu l-interess u ma komplewx bil-preparamenti ghal zwieg religjuz.

Il-konvenuta xtaqet li jkollhom tarbija izda l-attur kien kuntrarju ghal dan ghaliex huwa dijabetiku u ma xtaqx illi l-kundizzjoni tieghu tintiret.

Il-konvenuta tispjega wkoll kif il-karattru tal-attur inbidel appena huma zzewgu.

“Before we married, I thought A was very kind and helpful, however . Then he got married his ugly side started to come out and I quickly realised how paranoid and vindictive he was. He suffered from mad bursts of rage and extreme mood swings. Sometimes he was very sweet and did his best to look after me, however at other times he got so angry that I used to feel scared. I believe that A has a dual personality disorder and I often compared him to Dr. Jekyll and Mr. Hyde”

“I tried my best to make the marriage work, even though I was never happy with A. Our expectations before we got married were completely different. When I married A, I was not a young girl and I had already been married before. All my life, I worked very hard to support myself and my daughter, and I did not want to financially depend on a man. I wanted a partner for myself and a father figure for my daughter, and I was expecting a simple, good and calm life. However, after we got married, I realised that A wanted something very different. He wanted a stay at home wife, somebody he could control and tell what to do. When I refused to do what A wanted, he would become extremely furious and fly into a rage. A's mood swings caused a lot of unnecessary stress and tension in our marriage. We tried counselling for some time after we broke up, and the psychologist recommended that A seek therapy for his severe mood swings, however A stopped going to therapy after a while because he refused to acknowledge that he had a problem.

It is very difficult to live with a person you do not click with, and who operates on a different wavelength. A's values, ideas and way of thinking are completely different to mine, and as time passed, I found myself seeking intellectual

stimulation and social conversation from my friends and family, rather than my husband. Our marriage was an extremely unhappy one, not just for A and myself, but also for my daughter, who was very withdrawn throughout our marriage and is suffering the consequences to this day. I believe that A and I got married far too quickly, and we did not take enough time to get to know each other properly. It is impossible to get to know somebody well when you are living in different countries and the majority of your conversations take place over a telephone. In fact, before we got married, I had never seen A getting angry about anything, and I had always experienced the sweet, simple and calm side of him- the ugly side of A only began to emerge after we got married. Our marriage was not founded on love and respect as marriage should be. I am a responsible person and I tried my best to stay in the marriage and stick it out, however, after nine years of constant unhappiness and fighting, I felt that it would be healthier and better for us both to go our separate ways."

L-attur ipproduca bhala xhud lill-ommu, Aine B, illi essenzjalment tikkonferma partijiet sostanzjali mix-xhieda tal-attur:

"Jien lil A u N qatt ma kont inqishom bhala koppja normali, fis-sens li ma kontx narahom jinhabbu u ma kontx nara rispett min-naha taghha. Kienu jkollhom xi jghidu kwazi kuljum peress li A kien ihossu frustrat u wahdu, u min-naha l-ohra N kienet tikkontrollah, twarrbu, u twaqqghu ghac-cajt. N certament ma kienitx mara tal-familja, u fil-fatt A kien jiehu hsieb kollox. Hi kienet tippretendi li thalli lit-tifla mieghu waqt li hi tinfexx fix-xoghol.
Jiena kont nitlob li jissettiljaw u forsi jitghallmu jghixu ma' xulxin, izda iktar ma beda jghaddi z-mien iktar bdejt inhoss ir-rabta ta' bejnietom tmur mill-hazin ghall-ghar. Kull darba li kienet tigi Malta omm N, kienu jiggieldu bil-kbir ghax Adriana kienet tmur ghax-xoghol u thalli lil ommha id-dar, imbaghad meta tidhol fil-hdax ta' bil-lejl flok titkellem ma' A kienet taqbad tpacpac ma' ommha bil-Bulgaru. A kien qed ihossu qisu barrani fid-dar tieghu stess. Fl-2011, omm N ddecidiet li tigi Malta u ssib xoghol hawnhekk. Ahna kellna dar vojta u rrangajniha u tajniha lil

omm N biex tkun tista' tghix fiha. Meta waslet Malta, omm N marret tghix maghhom suppost ghal ftit jiem, pero' ghaddew sitt gimghat, u kienet ghada hemm. Meta A ssuggerixxa lil N li kien wasal iz-zmien biex ommha tmur tghix wahedha, N fferocjat, u bdiet twerzaq u tghajjat li A kien jobghod lil ommha, meta dan assolutament mhuwiex minnu. Stenniet li A kellujiehu hsieb lil ommha wkoll, u dan minkejja li hi kienet qed taghmel Masters u kienu qed jghixu minn fuq il-paga tieghu biss, u barra hekk, A kien qed jibghat elf Ewro fix-xahar lit-tifla taghha li kienet qed tistudja l-Ingilterra! Dak in-nhar, A u N ggieldu sew, u N telqet mid-dar u marret tghix ma' ommha f'appartament Bugibba.

Jien inhoss li N ma kienitx ippreparata ghaz-zwieg u ma kienitx taf x'ifisser zwieg u li tkun mara tal-familja. A ma kienx jissikaha, anzi kien ihalliha taghmel li trid. Filghodu kienet tmur il-gym, wara nofsinhar tmur ix-xoghol, u hu jiehu hsieb id-dar. Kienet issiefer meta trid hi u fejn trid hi. Qabel ma zzewwget, N kienet toqghod ma' ommha u nannietha u dawn kienu jiehdu hsieb kollox u jhalluha libera biex taghmel li trid. Meta zzewwget, N ma rieditx terfa' l-piz tal-familja u tad-dar, u ppretendiet li thalli lil A id-dar biex jiehu hsieb kollox wahdu.”.

Fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2013 il-partijiet xhedu viva-voce fejn essenzjalment kkonfermaw dak li xhedu bil-mezz tal-affidavit.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null fuq diversi premessi ibbazati fuq diversi disposizzjonijiet tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-attur qed jinvoka l-Artikolu 19 (1) (c), l-Artikolu 19 (1) (d), l-Artikolu 19 (1) (g) u l-Artikolu 19 (1) (h). Huwa sufficjenti ghall-finijiet ta’ nullita’ ta’ zwieg li jigi ppruvat li jezistu c-cirkostanzi f’wahda mid-diversi kap tal-Artikolu 19 imsemmi. Ser jigu trattati fl-ordni kif imsemmi.

**ZWIEG HUWA NULL JEKK IL-KUNSENS TAL-PARTIJIET INKISEB B'QERQ DWAR XI KWALITA' TAL-PARTI L-OHRA LI TISTA' TFIXKEL SERJAMENT IL-HAJJA MIZZEWGA.**

L-Artikolu 19 (1) (c) jipprovdi illi zwieg huwa null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Hija gurisprudenza kostanti illi l-qerq ma jistax jigi prezunt izda jrid dejjem jigi ppruvat. Fil-kawza "Pierina Micallef vs Amor Bentanfous" (PA 9 ta' Dicembru 2002) gie ritenut illi "L-eghmil doluz pero' ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi ppruvat. Il-qerq irid ikun tali li jkun jista' jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta". Fil-kawza "Stephen Sciberras vs Av. Francesco Depasquale et noe". (PA 9 ta' Dicembru 2002) gie dikjarat illi "Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':

1. Tkun wahda inerenti ghal-persuna u mhux xi att fil-passat;
2. Tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;
3. Tkun gravi sew oggettivament sew soggettivament;
4. Ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;
5. Tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottenut il-kunsens maritali;
6. Trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l- izball ma kienx sostanzjali.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li xi hadd mill-partijiet kellu motivazzjonijiet frawdolenti meta kkuntratta z-zwieg mertu tal-kawza odjerna. Biex jigi ppruvat il-frodi jehtieg li jitressqu provi konvincenti li xi hadd mill-partijiet intenzjonalment u bl-iskop li jqarraq heba mill-parti l-ohra xi kwalita' tieghu jew taghha li kien jaf li ser tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Huwa veru li mill-provi

imressqa jirrizulta li fil-karattru kemm tal-attur kif ukoll f'tal-konvenuta hemm aspetti li kull parti sabet li kienu ta' ostakolu ghall-hajja mizzewga serena, izda ma ntweriex li kien hemm xi intenzjoni volontarja li tinheba xi kwalita' bl-iskop ta' ingann.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din il-kawzali ma gietx ippruvata.

**ZWIEG HUWA NULL JEKK IL-KUNSENS IKUN VIZJAT B'DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.**

L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Biex l-azzjoni attrici tirnexxi trid qabel xejn tipprova li:

1. Il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mezzewga; u/jew
2. Il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologia serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Jinghad mill-ewwel illi ma ngabu l-ebda provi li l-konvenuta fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg tal-partijiet kienet tbati minn anomalija psikologika serja u ghalhekk din it-tieni parti tal-premessa in dizamina ma tirrizultax ippruvata. F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi anomalija psikologika serja jehtieg li tigi ppruvata b'perizja medika. Fil-kawza "Maria Victoria Spiteri vs. Anthony Spiteri" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 1994, il-Qorti rinfaccjata b'allegazzjoni ta' anomalija psikologika serja irriteniet illi fin-nuqqas ta' perizja medika dwar l-istat prikologiku u mentali tal-

partijet, id-deposizzjoni ta' avukat dwar il-kwalita' psikologika tal-partijiet ma kenitx sufficjenti.

L-attur ma talabx li ssir tali perizja u ghalhekk il-Qorti qed tikkonsidra din il-kawzali bhala li ma gietx ippruvata.

Fir-rigward tal-ewwel parti tal-premessa ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap.255 biex tirnexxi l-azzjoni attrici jehtieg qabel xejn l-attur jipprova li:

i) Il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat
ii) B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju
iii) Fuq il-hajja mizzewga, jew
iv) Fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

Diskrezzjoni ta' gudizzju hija spiss riferuta fil-gurisprudenza bhala "disretio judicii".

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta. Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili. Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikoli ta' dan il-Kodici, intitolat "**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**" jinghad hekk:

"Artikolu 2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Artikolu 3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja”

Fix-xoghol tieghu “**The Nullity of Marriage for reason of insanity or lack of due discretion of judgment” Egan EM (1983)** jispjega illi d-diskrezzjoni ta’ gudizzju fir-rigward tal-kunsens ghaz-zwieg trid tkun proporzjonali ghaz-zwieg innifsu.

**Gramunt u Wauck** fix-xoghol taghhom “**Moral certitude and the collaboration for the court expert in cases of consensual incapacity” (1986)** jispjegaw dwar id-diskrezzjoni ta’ gudizzju “It requires more than what is necessary to take out a mortgage or enter into a business contract, enlist in military service, or be fit to stand trial, but not more than adults ordinarily possess”.

Fis-sentenza **“Parties Atkins Charles vs. Atkins Matilde”** moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru 2003. Jinghad hekk:-

“Il-kuncett ta’ *discretio judicii* ma jirrikjediex maturita’ shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta’ dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe’ ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva u cjoe’ dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.”

Fis-sentenza “**Melanie Borg Cachia vs. A Borg**” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Mejju 2004 gie spjegat li d-difett fid-diskrezzjoni ta’ gudizzju irid ikun wiehed serju fil-fakolta’ kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x’inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.

Fil-kawza **"Janet Portelli vs. Victor Portelli"** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Awissu 1995 gie spjegat illi:-

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

*(1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*
*(2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial;*
*(3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within*".

Issir ukoll referenza ghall-kawza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia**" deciza fl-10 ta' Settembru 1997 fejn gie tratta vizju tal-kunsens f'matrimonju rizultat ta' difettt serju ta' diskrezjoni ta' gudizzju:-

"*Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm linkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati, il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

(Ara wkoll: **WT vs. KR** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta' Gunju 2012; **John Micallef Engerer vs. Corinne Camilleri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2002).

Ikkunsidrat;

Ghalkemm il-konvenuta sostniet li l-iskop principali taghha meta izzewget lill-attur kien li jifformaw familja, il-provi juru mod iehor. Jirrizulta li l-konvenuta kienet gejja minn zwieg li falla gewwa l-pajjiz ta' l-origini taghha. Dak iz-zmien kellha tifla ta' tnax-il sena li sfat minghajr missier u l-konvenuta kienet herqana li terga taghtiha l-figura ta' missier f'hajjitha. Tant kienet prijorita' f'mohh il-konvenuta li f'temp ta' ftit xhur meta bilkemm kienet ghadha taf lill-attur, hija riedet li jizzewgu u tigi tghix Malta. Il-kunsens tal-konvenuta kien offuskat mill-pjan taghha li ggib lil bintha hawn Malta sabiex tkompli bl-istudji hawn u jkollha hajja ahjar minn pajjizha. Tant kienet din il-prijorita' tal-konvenuta li fil-bidu taz-zwieg taghha mal-attur accettat it-talba tal-attur li ma jghixux flimkien. Difatti meta l-partijiet izzewgu huma ghamlu perijodu ta' cirka erba' xhur jghixu fi djar separati.

Fattur iehor li juri vizzju fil-kunsens tal-konvenuta huwa fir-rigward tal-hsieb taghha li ma tassumiex id-dmirijiet taghha bhala mara mizzewga. Il-konvenuta kienet titratta lill-attur bhala l-persuna li jrid iserviha, tmaqdru kontinwament b'arja ta' superjorita' kontinwa. Mid-doveri fid-dar ma kienet tassumi xejn, mehdija fix-xoghol taghha filwaqt li kienet tippretendi li l-attur jiehu hsieb il-htigijiet kollha tad-dar inkluz ta' bintha filwaqt li hi tkompli bil-karriera taghha.

Jirrizulta illi mill-ewwel gurnata taz-zwieg taghha mal-konvenut ma kelliex il-hsieb li terfa' indaqs mal-attur ir-responsabbiltajiet li jgib mieghu iz-zwieg. Il-kunsens tal-konvenuta biex tizzewweg ma kienx rizultat ta' maturazzjoni f'relazzjoni ta' mhabba reciproka izda aktar kien motivat mill-htiega li titrasloka ruhha flimkien ma' bintha mill-pajjiz ta' l-origini taghha u tghix hajja ahjar. Dan huwa rifless ukoll mill-fatt illi xi zmien wara li l-konvenuta giet Malta u zzewget, hija gabet hawn ukoll lill-ommha li riedet ta' bilfors li tghix mal-partijiet. L-attur oggezzjona ghaliex ma riedx jitlef il-privatezza f'daru. Ir-rizultat kien li l-konvenuta spiccat telqet mid-dar

matrimonjali sabiex marret tghix fl-appartament fejn kienet qed tirrisjedi ommha.

Hija ghalhekk il-fehma tal-Qorti illi l-kunsens tal-konvenuta meta kkontrattat iz-zwieg mal-attur kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga bil-konsegwenza li l-kuntratt taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet kien null.

Tenut kont tal-fatt li l-Qorti qed tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex tapplika l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Att dwar iz-Zwieg, mhux mehtieg li l-Artikolu 19 (1) (f), (g) u (h) jigu wkoll trattati.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Settembru 2002 huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relativa fl-att taz-zwieg tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------